Minuti tal-laqgħa numru tmintax (18) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, (KLR) li nżammet nhra l-Erbgħa, 17 ta' Ġunju 2020 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fi 30, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier** |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier *** |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier* |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| | Is-Sur Marco Scerri | Amministratur tal-Uffiċċju |

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**18.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba**

**Ittri ta' Aploġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**18.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sittax (16) u sbatax (17)**

**Minuti**

Kopji tal-minuti taż-żewġ seduti preċedenti kienu mqassma mal-Agenda minn qabel u dawn kienu meħuda bħala moqrija. Kien hemm korrezzjoni żgħira fejn is-Sra Doris Coleiro kienet talbet li titnaddaf Triq Buqana kif fil-fatt tnaddfet fl-aħħar ġranet u li ma kienetx riflessa fil-minuti. Il-minuti kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondathom is-Sra Doris Coleiro u dawn kienu approvati b'vot unanimu.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq ix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa fil-latrina ta' Triq il-Kulleġġ. Hu qal illi wara li twaħħlu l-aperturi ta' barra, issa jmiss illi l-ġimgħa d-dieħla jitwaħħlu s-settijiet tal-banju.

**Punti mill-Minuti**

**Xogħlijiet fuq il-latrina ta' Triq il-Kulleġġ**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi l-vettura tal-kiri inbidlilha il-fanal li kellha miksur u din qed tintuża mis-Sur Stephen Attard biex inqassam l-ikel lill-foqra fir-Rabat.

**Vettura tal-Kiri**

Il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex tkun restawrata l-faċċata taċ-ċimiterju fir-Rabat jonqos illi jiskadu it-tletin ġurnata biex ikun ikkunsidrat mill-istess Awtorita'. S'issa ma nafux jekk hux se nikkwalifikaw għall-fondi ewropej mill-*Majjistral Action Group Foundation.*

**Restawr tal-Faċċata taċ-Ċimiterju**

L-offerta pubblika biex isir ir-restawr fuq in-niċċa tal-Karmnu fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq San Pawl, issa għalqet u din tinsab għall-evalwazzjoni. Kien innutat illi kien hemm interess minn diversi kuntratturi biex isir dan ix-xogħol.

**Restawr tan-Niċċa tal-Karmnu**

Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi ma bqajniex naħdmu fuq is-sejħa pubblika għall-ingaġġ ta' *handyman* addizzjonali, għaliex irnexxielna nikkwalifikaw minn persuna tal-Community Works Emplyment Scheme persuna oħra – Brian Caruana, biex jagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni. Bħalissa, qed isiru xogħlijiet fil-ġnien tal-bandli tal-Baħrija. Id-diskussjoni ssuktat fuq is-sistema tas-CCTV *cameras* li se jkunu qed joħorġu r-Reġjun Tramuntana. Kien deċiż illi dik tal-Baħrija nwaħħluha aħna bħala Kunsill biex ma jdumx ma jsir ix-xogħol biex din issir malajr minħabba illi fl-istess ġnien qed ikun hemm vandaliżmu kontinwu anke waqt li qed issir il-manutenzjoni.

**CWES – Handyman**

Is-SE kellu *feedback* dwar it-twissija li nħarġet lill-individwu sabiex ineħħi rampa tal-konkos bejn il-bankina u t-triq fi Triq Inguanez. Sid il-post infurmah illi r-rampa saret minħabba li ma setgħetx titbaxxa l-bankina għaliex taħtha hemm kantina u fil-fatt il-bankina hija saqaf tal-konkos bix-xibka tal-ħadid ġo fiha. Wara li dan kien konfermat mill-uffiċċju mal-kuntrattur ta' Infrastruttura Malta li infurmah illi fil-fatt il-bankina hemmhekk hija dik li kien hemm qabel, il-KLR iddeċieda illi jinforma lis-sid sabiex ineħħi r-rampa u jagħmel rampi temporanji tal-injam.

**Rampa fi Triq Inguanez**

** Is-Sur Nazju Cassar daħal fis-7.30pm.

* Is-Sur Rudolph Grima daħal għal-laqgħa fis-7.28pm

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, tkellem fuq it-talba li saritlu f'isem il-KLR biex nereġgħu niltaqgħu mal-iżviluppaturi tal-lukanda tat-Telgħa tas-Saqqajja nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju, 2020 fil-5.00pm fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus stieden lill-kunsillieri kollha biex jattendu. Is-Sur Rudolph Grima xtaq ikun jaf il-pożizzjoni dwar il-proġett li ġejjin jiddiskutu l-iżviluppaturi dwaru. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se niddiskutu biss mingħajr m'aħna se niddeċiedu xejn jekk mhux waqt laqgħa tal-KLR. **Lukanda tat-Telgħa tas-Saqqajja**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, tkellem fuq talba oħra li rċieva biex isiru xogħlijiet strutturali fuq il-kmamar użati mill-*Girl Guides* fiċ-Ċentru Ċiviku. Dwar dawn ix-xogħlijiet peress li mhumiex f'sit li nistgħu ngħidu li huwa pubbliku, is-Sur Nazju Cassar staqsa jekk humiex fil-lista tal-għajnuniet li jistgħu jagħtu l-Kunsilli Lokali. Se ssir żjara fuq il-post u se noqgħodu attendi li ma noħolqux xi preċedent. **Ċentru Ċiviku**

Is-Sur Matthew Chetcuti tkellem fuq il-laqgħa straordinarja li laqqa' r-Reġjun Tramuntana biex jiddiskuti il-ġbir tal-iskart riċiklat (tal-borża l-griża), wara li jidher illi l-kuntrattur ma ġabarx dan minn xi lokalitajiet. Il-KLR hu kontra illi l-ġbir tal-iskart riċiklat isir mir-Reġjun Tramuntana għaliex għandu riżervi tiegħu jekk jeżistix xi kuntrattur armat bizzejjed biex kemm-il darba toħroġ offerta pubblika biex jinġabar dan l-iskart minn dawn il-lokalitajiet kollha, ikollu l-kapaċita' li jagħti dawn is-servizzi f'tant lokalitajiet. L-istess sentiment jinħass fost il-kunsillieri għall-ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda (mixed household waste). Is-Sur Matthew Chetcuti qal illi r-Reġjun Tramuntana bagħat klarifika lill-Ministru biex iwieġeb xi mistoqsijiet għall-proġett tal-inċeneratur tal-iskart propost fil-Magħtab. **Ġbir ta' Skart**

Is-Sra Doris Coleiro talbet biex tintbgħat ittra fejn infakkru d-dipartiment tas-Saħħa biex isir it-tindif taċ-ċimiterju ta' Sta Margerita fir-Rabat għaliex hemm ħafna wirdien li tiela minn kaptelli miftuħin u li ma tkaħħlux u *litter bins* li mhux qed jitbattlu. Is-Sindku is-Sur Sandro Craus qal illi għandna niktbu lis-Sur Clive Tonna dwar dan il-punt li se jifhimna peress li hu mir-Rabat stess. Id-diskussjoni ssuktat fi proposta ta' ċimiterju ieħor peress li dak tar-Rabat hu żgħir wisq. Issemmiet ukoll l-introduzzjoni tal-kremazzjoni f'pajjiżna. **Ċimiterju: Tindif u Alternattiva**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-proġett mill-Gvern Ċentrali ta' Triq Għeriexem u ta' Triq Tabija. Dan il-proġett fih diversi punti li jmissu mal-ambjent u propju għada 18 ta' Ġunju se jinstema' l-każ quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar. Dwar dan is-suġġett kien hemm qbil illi l-KLR jiltaqa' nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju fil-5.00pm biex jiddiskuti dan kollu ma' persuni esperti. **Proġett ta' Gheriexem u Triq Tabija**

Imtela' l-kwestjonarju li talbuna d-Dipartiment Gvern Lokali dwar l-effetti tal-laqgħat tal-Kunsill *remotely*. Il-Kunsill kien tal-ideja li aħjar il-laqgħat isiru kif **Laqgħat tal-Kunsilli Lokali on-line**

kienu jsiru live fil-Kunsill u mhux permezz tal-internet. Dan se jkun rifless fil-mili ta' dan il-kwestjonarju.

*** Is-Sur Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fit-8.00pm.

**18.03 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 27 u Ċedola tal-pagamenti numru 308**

**Ċedola tal-Pagamenti u Lista ta' xogħlijiet**

Kienet approvata l-Works Order 27 u ċ-Ċedola tal-Pagamenti 308.

**18.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**Ftuħ tal-Latrina ta' Triq Santa Rita**

Dr Karl Muscat staqsa jekk hux qed tiftaħ il-latrina pubblika fi Triq Santa Rita. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus wieġbu illi din qed tiftaħ temporanjament *b'direct order* mis-Sur Stephen Bugeja, wara li ingħatajna struzzjonijiet mid-Dipartiment tas-Saħħa biex il-latrini jerġgħu jinfetħu.

**18.05 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni għal sejħa pubblika biex jinxtara *van* (Stima €20,000)**

**Van**

Kienet approvata l-proposta biex toħroġ l-offerta pubblika biex jinxtara *van second hand.* L-istima tiegħu hija ta' Eur 20,000. Intqal ukoll illi hemm bżonn illi l-*van* li għandna bħalissa ssirlu manutenzjoni li se tkun tlaħħaq mijiet ta' Ewro u li ma nafux kemm hi għaliex trid tinqala' l-makna u dak li jsib ħażin il-mekkanik irid jinbidel. M'aħniex f'pożizzjoni li nikkwalifikaw l-ispejjeż f'dan il-waqt.

**18.06 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni għal sejħa pubblika biex ikun rinovat il-Muniċipju, 8 Triq l-Isptar (Stima €450,000)**

**Offerti Pubbliċi**

Sandanittant kien hemm żviluppi fuq l-evalwazzjoni tal-offerta pubblika li ħareġ il-KLR fuq il-ġnien ta' Bir Iljun, kif ukoll tal-ġonna pubbliċi u s-*soft areas* u se jibda' wkoll l-evalwazzjoni fuq l-offerta pubblika tal-latrina ta' Triq Santa Rita. Ħarġet ukoll l-offerta tal-*Care System (Customer Care)* tal-uffiċċju u qed isir xogħol biex jinħarġu l-offerti pubbliċi tar-*Resurfacing u l-Patching* kif ukoll tar-*refurbishment* tal-uffiċini tal-Kunsill fi Triq l-Isptar, liema stima tlaħħaq għal Eur 450,000 u li minnhom il-Gvern Ċentrali tana Eur 200,000. Il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart qiegħed għall-appell li se jinstama' għada l-Ħamis 18 ta' Ġunju.

**18.07 Talba minn sidien tal-ħwienet biex Triq San Pawl tiġi pedonali fi tmiem il-ġimgħa (datata 27.05.20 – Għeluq ta' triq San Pawl.**

**Imwejjed u siġġijiet barra**

Dr Karl Muscat tkellem dwar l-ittra li rċieva l-Kunsill Lokali tar-Rabat minn għand diversi negozji bħal dawk ta' Triq San Pawl u Bir ir-Riebu. L-għan ta' dawn is-sidien tal-ħwienet kien illi joħorġu l-imwejjed u s-siġġijiet barra u jingħalqu t-toroq biex dan ikun possibbli speċjalment fi tmiem-il ġimgħa. Dwar dawn il-proposti ma kienx hemm deċiżjoni.

**16.08 Talba biex il-Kunsill jipprovdi t-tindif tal-librerija pubblika fuq bażi regolari.**

**Tindif fil-librerija Pubblika**

Kienet diskussa din il-proposta fejn issemma' illi qatt qabel ma kien isir dan f'librerija pubblika. Fil-ġranet li għaddew il-KLR għamel one time cleaning u se

naraw illi din tkun imnaddfa minħabba l-element sensittiv in vista tal-imxija tal-Covid – 19.

**18.09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Knis tat-Toroq Urbani.** . Se nistennew illi jgħaddu l-ġranet tal-appell biex jingħata l-kuntratt tal-knis f'toroq urbani lill-Waste Collection Ltd. Dwar dan is-servizz tant bżonju, fl-aħħar jiem kellna nqabbdu aktar persuni biex iwettqu servizzi *extra* għaliex kiber il-bżonn f'salt wieħed minħabba l-imxija tal-Covid 19 u l-indafa.

**Knis ta' toroq urbani**

**18.10** **Direttiva 3/2020 Dipartiment Gvern Lokali - Revoka ta' Direttiva 2/2020**

**18.11** **Punti oħra**

**Animal Diaries**

Issemma' kif fil-programm tas-Sra Moira Delia fuq il-PBS issemma' illi l-KLR intefa' f'dell ikraħ billi fil-programm *Animal Diaries*, it-telespettaturi ingħataw x'jifhmu illi kien il-KLR illi ta struzzjonijiet biex jitneħħew il-*cat shelters* minn Ġnien *Howard*. Se nirrispondu biex ikun hemm ir-*right of reply* fil-programm tas-Sibt li ġej peress li Ġnien *Howard* lanqas jaqa' fil-konfini tagħna u lanqas li kieku ma konna se nagħmlu dan l-att kodard.

**Lanterni tad-dwal**

Is-Sindku tkellem dwar il-lanterni kbar li nqalgħu minn fuq iz-zuntier fil-Pjazza tal-Parroċċa. Hu qal illi dawn qed ikunu restawrati għand il-kumpanija *Bim Ltd* u hemm ukoll xi ħadid x'jinbidel minħabba li tqatta' bis-sadid li kien fih. Dwar il-kumplament tal-fanali tal-Pjazza tal-Parroċċa u fid-daħla ta' Triq Santa Rita u parti minn Triq San Pawl, is-Sindku is-Sur Sandro Craus qal illi dawn se jitwaħħlu wara l-festa ta' San Pawl għaliex iridu jiġu minn Spanja li nħakmet qatiegħ mill-imxija tal-Covid 19.

**Xogħlijiet ta' bini ta' ħitan tas-sejjiegħ**

Is-Sur Matthew Chetcuti semma' xi xogħlijiet ta' bini ta' ħitan tas-sejjiegħ li saru minn Tek Ltd, biex il-KLR ikun jista' joħroġ il-ħlas. Se naraw jekk dawn jinsbux għand il-perit minħabba li aktarx li huma xi xogħlijiet ta' manutenzjoni.

**Arbli tad-dawl fil-kampanja**

Is-Sur Kris Grech semma' l-arbli tat-Triq tal-Baħrija li mal-antiki twaħħlu dawk ġodda u l-fatt li l-qodma għadhom ma nqalgħux minn posthom. Dwar dan se nkellmu lill-Foreman tal-Korporazzjoni Enemalta għaliex minkejja li dawn hemm magħhom imwaħħlin il-lanterni tad-dawl, xorta huma fi triq ewlenija. Ix-xogħlijiet kienu saru mill-istess Korporazzjoni. Se ssir laqgħa ma' Mica Med biex naraw kif nistgħu inħaffu l-proċess tat-twaħħil tat-talbiet godda pendenti tad-dwal tat-toroq. Is-SE qal illi qed niltaqgħu ma problemi kbar fejn fil-kampanja ma jkunx hemm il-fergħa tal-*istreet lighting* għaddejja. Dan għaliex l-Enemalta qed iġiegħluna nagħmlu trinka biex ma ngħarrqux l-ambjent bl-arbli.

Kris Grech ippropna illi napplikaw għall-fondi tal-Ewropa biex naraw li jsir studju ħalli f'toroq li ma jkunux aċċessibbli minħabba li ma tkunx għaddejja l-fergħa tal-*istreet lighting*, isiru dwal jaħdmu bl-enerġija solari. Dwar dan se ssir laqgħa ma' persuna li magħha kien hemm diġa' laqgħa ftit tal-jiem ilu. F'dan il-Webinar sirna nafu li hemm il-potenzjal li jsir dan l-istudju.

**Studju dwar Lampi tat-toroq fl-outskirts**

Is-Sindku is-Sur Sandro Craus qal illi hemm proposta illi jsir l-iskedar ta' Triq Cosmana Navarra u l-Isqaqien, Triq San Franġisk u l-isqaq, Triq Sant Antnin, Triq l-Isptar, Triq il-Kbira, Triq ta' Saura u Triq Ġorġ Borg Olivier minn Triq ta' Saura sa Triq San Publiju. Dan għaliex qed ikun hemm diversi proposti biex djar b'karattru antik jikkonvertu ruħhom f'entitajiet kummerċjali. Il-KLR mhux kontra l-kummerċ u lanqas l-iżvilupp, madankollu dan irid ikun wieħed kontrollat u wkoll sostenibbli. Dwar dan se jkun involut il-Perit Buhagiar biex iħejji dan l-istudju.

**Proposta ta' Skedar ta' bini fiċ-ċentru storiku tar-Rabat**

**18.12 Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**

**Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet il-laqgħa fit-8.15pm fejn il-kunsillieri ftehmu li jiltaqgħu tliet ġimgħat oħra fl-istess ħin.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv

u approvati llum 8.7.2020 minn

Sandro Craus
Sindku